MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2014

Numru. 558/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Gorg Vella**

Kaz Numru: 558/2013

Illum 7 ta’ Jannar 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Gorg Vella**, bin Anthony u Carmela neé Mizzi, imwieled fis-17 ta’ Frar 1973, residenti 94, Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Rabat, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru

8073(G) akkuzat talli nhar il-15 ta' Otubru 2013 ghall-habta ta' 19.45hrs fi Triq l-Imgarr, Xewkija, Ghawdex:

1. ipprova jsuq jew kellu fil-konftroll tieghu vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBG 295 ghamla Mitsubishi meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb;

2. aktar talli fl-istess data ghall-habta ta' 20.10hrs fl-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex naqas milli jaghti kampjun tan-nifs ghall-analizi permezz ta' strument approvat b'ordni tal-Ministru u dan bi ksur tal-Artikolu 15E(4) tal-Kapitolu 65.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-provi prodotti mill-Prosekkuzzjoni kienu jikkonsistu fis-segwenti: affidavit ta' PS 1040 John Grima, affidavit ta' PC 534 Joseph Cini u affidavit ta' PC 1097 Mario Casha. Apparti dawn l-affidavits, gew prezentati wkoll numru ta' dokumenti, fosthom ir-Rekord tat-Test tan-Nifs tal-Alkohol (Dok. "C"). Minn dawn il-provi jirrizulta z-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghhom.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 15A(1) u 15E(4) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' elf u seba' mitt Euro (€ 1700.00) u tordna li l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien ta' sitt xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------